# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 31 ta' Ottubru 2024**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 734/2015JVC**

**Gaetano Abdilla u martu Mary Abdilla**

**vs**

**Charles Bianco u Western Company Limited u permezz ta' digriet datat 1 ta' Lulju 2020 gie kjamat fil-kawza Dr Renald Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Gaetano Abdilla et li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-konvenuti huma debituri flimkien u in solidum tal-esponenti fis-somma komplessiva ta' mija u sittax-il elf tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€116,871.62), rapprezentanti kwantu ghal tmienja u sittin elf sitt mija u disgha u disghin Ewro u sittin centezmu (€68,699.60) rifuzjoni ta' self somministrat lilhom mill-esponenti, u l-bilanc ta' tmienja u erbghin elf mija u tnejn u sebghin Ewro u zewg centezmi (€48,172.02) imghaxijiet kummercjali sat-30 ta' Gunju 2015, oltre l-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament shih.

2. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru 2011 sabiex ihallsu l-bilanc dovut minnhom, bl-imghaxijiet, lill-esponenti, sal-lum dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma debituri flimkien u in solidum tal-esponenti fis-somma komplessiva ta' €116,871.62 rifuzjoni ta' self, u imghaxijiet, dovuta kif fuq spjegat;

ii. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u in solidum lill-esponenti s-somma shiha hekk dovuta.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Dicembru 2011, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-Rikors Guramentat sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Charles Bianco et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti atturi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili (Kap. 16).
2. Illi preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi inoltre preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Codici Civili(Kap.16).
4. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 542 tal-Kodici Kummercjali (Kap.13).
5. Illi inoltre l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 238 tal-Kodici kummercjali (Kap.13) tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Illi preliminarjament ukoll l-esponent Charles Bianco f'ismu personali qatt ma kellu x'jaqsam u qatt ma ghamel negozju mar-rikorrenti li lanqas biss jafhom, m'hemmx relazzjoni guridika bejniethom u ghalhekk Charles Bianco personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
7. Illi preliminarjament ukoll lanqas is-socjeta' Western Company Limited qatt ma kellha x'taqsam mar-rikorrenti atturi u qatt ma ghamlet negozju mar-rikorrenti atturi u

ghalhekk ghandha ukoll tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

8. Illi ukoll preliminarjament in-nullita' u l-irritwalita' tat-talbiet tar-rikorrenti atturi, li flimkien mar-rikors guramentat taghhom ma ezibew l-ebda dokumenti in sostenn tat-talbiet taghhom b'ksur tar-rekwiziti u dispozizzjonijiet tal-ligi biex l-esponenti ma jitqieghdux u ma jkunux f'posizzjoni jiddefendu ruhhom u jwiegbu b' l-ahjar mod possibbli ghat-talbiet maghmula fil-konfront taghhom.
9. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-mertu l-esponenti konvenuti kemm individwalment kif ukoll u/jew in solidum mhumiex debituri tar-rikorrenti atturi u qatt ma gie somministrat lilhom mir-rikorrenti xi self u m'ghandhomx jaghtu imghaxijiet lir-rikorrenti atturi.
10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat ir-risposta mahlufa tal-kjamat in kawza l-Avukat Renald Micallef li taqra kif isegwi:

'Illi in linea preliminari l-kjamat in kawza jirrileva illi fil-perjodu in kwistjoni tal-vertenza bejn Abdilla u Bianco u Western Company Limited, huwa kien jiforma parti minn socjeta civili ta' awdituri bl-isem ta' Busuttil & Micallef u qatt ma agixxa f'ismu personali tant li kif gie ampjament spjegat mill-istess kjamat in kawza fix-xhieda tieghu, l-partijiet f'din il-kawza kienu lkoll klijenti ta' Busuttil & Micallef.

Illi allura Renald Micallef fil-vesti tieghu personali m'huwiex u qatt ma' jista' jkun il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza odjern u ghalhekk ghandu jigi liberat ad *observanda judici*.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qed jirribatti bl-iktar mod assolut l-allegazzjonijiet tal-konvenuti fir-rikors taghhom li ma huma xejn hlief invenzjonijiet u dikjarazzjonijiet foloz intenzjonati biss biex jaharbu mill-obbligi assunti minnhom li jhallsu l-kreditu avvanzat lilhom mill-esponenti Abdilla kif ukoll sabiex jaharbu u jahbu l-agir frawdolenti li wettqu kontra l-atturi meta l-konvenuti, jew min minnhom, rcevew u zammew ghalihom flus ta' kambjali li d-dritt fuqhom kien diga gie trasferit permezz ta' bejgh tal-istess kambjali lill-atturi.

Illi l-fatti tal-kaz huma dawn:-

1. Fis-sajf tas-sena 2000 Gejtu Abdilla u Charles Bianco qablu tramite l-esponenti li Gejtu Abdilla javvanza Lm 30,000 (Liri Maltin) bhala self lil Charles Bianco u mhux Western Company Limited, liema flejjes ma kellhomx jigi mislufa f'daqqa izda li kellhom jigi amministrati mill-istess esponenti.
2. Ghal dan l-iskop fil-21 ta' Awissju 2000 Gejtu Abdilla ghadda lill-esponenti dawn it-Lm 30,000 permezz ta' tlett cekkijiet (kopja tac-cekkijiet tinsab fil-process immarkata fol 140). Dawn ic-cekkijiet gew depositati mill-istess esponenti gewwa "Clients" Current Account" (BOV 172-0356306-5) li nfetah appositament fil-25 ta' Awissu 2000 (ara Fol 143), u dawn flimkien mas-somma addizzjonali ta Lm 396.67 li thallsu minn Charles Bianco ghal-istess skop ta' din it-transazzjoni.
3. Ftit granet wara u skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet li fuqu kellu jimxi l-esponenti, is-sur Charles Bianco ghadda personalment lill-esponenti istruzzjonijiet bil-miktub flimkien ma numru ta' kambjali, mahrugin fuqu jew fuq is-socjeta tieghu Western Company Limited, liema

struzzjonijiet testwalment kienu jghidu "*Enclosed please find the undermentioned Hire Purchase Bills of Exchange drawn by ourselves, which we kindly ask you to discount in accordance with our discounting agreement*".

4. L-esponenti wara li ghamel il-kalkolazzjonijiet mehtiega ghad-*discounting* ghadda parti mill-flus li kellu fil-clients account lil Charles Bianco precizament is-somma kumplessiva ta' LM28,661.47 (liri Maltin), u b'hekk skatta l-arrangament ta' self li kien hemm bejn il-partijiet.
5. Fir-rigward ta dak li qed jigi allegat fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-konvenuti, l-esponenti jikkonferma li fit-22 ta' Awissu 2000 huwa xtara vettura wahda, Toyota Land Cruiser GAN-361, minn ghand Charles Bianco. Din il-vettura inxtrat ghal-somma hafna inqas minn LM28,661.47 (liri Maltin) liema somma thallset minn mezzi personali u mhux allegat b'mod qarrieqi minn Charles Bianco. Ma nxtrat l-ebda vettura ohra minghand il-konvenuti u s-somma involuti fil-bejgh ta dik il-vettura ma taqbel assulutament xejn ma dawk tal-kawza odjerna.
6. Fit-tielet paragrafu tar-rikors tal-konvenut qed jigi allegat li l-konvenuti qatt ma ghamlu negozju mal-atturi! Din hija gidba ohra sfiqa u ma tistax tissejjah diversament. Ta' dan hemm mhux biss diversi xhieda izda wkoll provi dokumentarji cari tar-relazzjoni bejn il-partijiet li diga gew prodotti matul din il-kawza.
7. Dwar il-paragrafu erbgha tar-rikors, John Sultana gie mressaq bla xhud malizjozament minn Charles Bianco. Jinghad li l-esponent qatt ma ltaqa mieghu la gewwa l-ufficju tieghu Birkirkara u lanqas gewwa d-dar fejn jabita H'Attard. Il-fatt li Sultana semma dawn id-dettalji fix-xhieda tieghu ma juru u jippruvaw assulutament xejn. Sultana qatt ma kien parti minn negozju ta bejn l-atturi u l-konvenuti u l-

frazi mlissna mill-esponent '*sa fejn niftakar jien* ' ma ghandhiex tigi interpretata bhala li forsi jew seta ltaqa mieghu. L-esponenti, fil-kors tal-karriera tieghu, ltaqa ma eluf ta' klijenti izda kif ser jigi ippruvat ampjament fil-mertu tal-kawza, John Sultana ma kienx wiehed minnhom u fin-negozju mertu tal-kawza odjerna ma kellux parti.

8. John Sultana jghid ukoll li c-cwievet tal-vettura poggihom fil-letterbox tal-esponenti. Din hija gidba ohra, l-esponenti ma jixtrix vetturi bil-posta u qatt ma rcieva cwievet ta vettura jew vetturi fil-letterbox tad-dar tieghu.
9. Huwa car li huma l-konvenuti u dawk imressqa minnhom li xehdu il-falz u mhux l-esponenti fid-diversi xhieda tieghu. Jinghad li l-konvenut dam hames snin sabiex jaghmel dan ir-rikors u javvanta pretensjonijiet fierha li, li kieku kien fihom nitfa verita, kienu jiffurmaw parti mir-risposta tieghu ghat-talba attrici. L-invenzjoni li dawn il-flus kienu parti minn xi bejgh ta' vettura jew vetturi (ghaliex lanqas hawn ma huwa car ir-rikors tal-konvenuti) nqalghet biss issa u dan propju ghaliex il-konvenuti huma darhom mal-hajt. Il-mertu tal-kawza kien car sa mill-bidu nett u l-pretensjoni tal-atturi qatt ma nbidlu.
10. Il-fatti tal-kawza jgiddbu kompletament kemm lill-konvenuti li qed jghidu li huma qatt ma ghamlu negozju mal-atturi, kif ukoll lix-xhud Sultana li bid-dikjarazzjonijiet foloz bil-gurament tieghu ipprova jisvija u jixhet dubju fix-xhieda tal-esponenti.
11. Apparti dan kollu hemm l-aqwa prova dik tal-atturi stess u cioe li kienu huma stess li ntavolaw il-kawza odjerna kontra l-konvenuti u mhux kontra l-esponenti Micallef u dan propju ghaliex il-verita hija li l-atturi huma ben konsapevoli tal-fatt li n-negozju sar mal-konvenuti u ma hadd izjed. L-esponenti fil-vesti tieghu ta' awditur, kien biss il-persuna li

laqqa l-partijiet flimkien u dan sabiex wara kollox jghin lill-konvenuti stess li dak iz-zmien kellhom problemi ta' *cash flow*.

Illi jidher car li dan ir-rikors tal-konvenuti huwa wiehed frivolu u vessatorju intenzjonat sabiex mhux biss itawwal il-proceduri odjerni izda wkoll li jitfa dell ikrah fuq l-istess esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti, filwaqt li jaghmel referenza ghal-atti kollha tal-kaz, jirriserva li jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa u opportuna u li jipproduci l-provi kollha ammissibli skond il-ligi f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad r-rikors odjern tal-konvenuti bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.'

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Dottor Renald Micallef li taqra kif isegwi:

**I.** 'ILLI, in linea preliminari, it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' hames snin, skond l-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili;

**II.** ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' hames snin, skond l-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili;

**III.** ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' hames snin, skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

**IV.** ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' hames snin, skont l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc;

**V.** ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sena, skond l-Artikolu 238 tal-Kodici tal-Kummerc.

SALV risposti ulterjuri permessi mill-ligi.'

Rat l-affidavits, xhieda, 'statement', ittra ufficjali, ittri, kopji ta' cekkijiet, 'statements' tal-bank, ftehim ta' 'sub-contracting of professional work', 'payment demand note', rendikont, dokumenti ulterjuri u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Novembru, 2015 Dr Phyllis Aquilina ghar-rikorrenti ddikjarat li s-self mertu tal-azzjoni kien self brevi manu li ghadda mir-rikorrenti lill-intimati b'arrangament ta' hlas lura tal-kapital u l-imghaxijiet kif ghandu jirrizulta mill-provi;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Novembru, 2015 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-intimati;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Frar, 2016 Dr. Malcolm Pace ghall-intimati talab li jigu allegati l-atti tal-mandat bin-numru

744/15LSO u rat li l-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni ta' tali atti;

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 744/15LSO allegati mal-kawza odjerna;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar is-27 ta' Novembru, 2017 (fol. 126) fejn permezz tieghu talbu lill-Qorti joghgobha tirrevoka l-ordnijiet taghha ghall-ezibizzjoni tal-'istatements' bankarji taghha dwar il-kontijiet fejn gew depozitati c-cekkijiet ezibiti, u dan minhabba li l-informazzjoni rilevanti ghad-difiza sollevati mill-konvenuti diga' tinsab fl-atti, u kwalsiasi nformazzjoni ulterjuri mhix rilevanti ghall-kawza u konsegwentement mhix prova ammissibbli fit-termini tal-ligi, rat ir-risposta tal-intimati ntavolata nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 (fol. 130) u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 3 ta' Jannar, 2018 fejn wara li tat diversi ragunijiet ghaddiet sabiex laqghet it-talba u rrevokat *contrario imperio* l-ordnijiet taghha tat-2 ta' Mejju 2017 u tal-10 ta' Ottubru, 2017 u kwindi rrilaxxat favur l-attur l-'istatements' bankarji li gew esebiti b'nota tat-23 ta' Ottubru, 2017 billi tqishom irrilevanti u kwindi inammissibbli;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Jannar, 2019 id-difensuri tal-partijiet prezenti qablu li l-Qorti ghandha tkompli tisma' l-provi fuq l-ewwel hames (5) eccezzjonijiet kif ukoll titratta fis-sentenza in parte it-tmien (8) eccezzjoni;

Rat ir-rikors tal-intimati prezentat nhar is-6 ta' Mejju, 2020 fejn permezz tieghu talbu dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha necessarji u/jew opportuni u tordna a tenur tal-Artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili s-sejha fil-kawza ta' Dr Renald Micallef u dan sabiex huwa wkoll ikun jista'

jwiegeb ghall-talbiet tar-rikorrenti, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar is-16 ta' Gunju, 2020 u rat id-digriet tal-Qorti datat 1 ta' Lulju, 2020 fejn fic-cirkostanzi f'dan l-istadju qieset li t-talba tal-intimati sabiex jigi kjamat fil-kawza Renald Micallef hija gjustifikata u ghaldaqstant tordna l-kjamata fil-kawza tal-lum lil Avukat Renald Micallef b'dan li wara li jigi formalment notifikat bhala kjamat fil-kawza huwa awtorizzat jaghmel rikors lil din il-Qorti sabiex jekk irid taccetta r-risposta mahlufa gja prezentata bhala r-risposta ufficjali tieghu f'dawn il-proceduri u jigu evitati spejjez ta' registru ulterjuri;

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza l-Avukat Dottor Renald Micallef intavolat nhar it-2 ta' Lulju, 2020 fejn permezz tieghu fl-ewwel lok huwa ta lilu nnifsu bhala notifikat u fit-tieni lok ikkonferma li r-risposta mahlufa tieghu hekk kif prezentata fit-18 ta' Gunju, 2020 tikkostitwixxi r-risposta ufficjali tieghu ghal dawn il-proceduri u rat id-digriet tal-Qorti moghti fl-14 ta' Lulju, 2020 fejn laqghet it-talba kif dedotta;

Rat illi fil-verbal datat  3 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat ir-rikors tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Dottor Renald Micallef intavolat nhar is-16 ta' Settembru, 2022 fejn permezz tieghu talab li l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2122 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jeccepixxi l-preskrizzjoni skont l-Artikoli 2156(d), 2156(e), u 2156(f) tal-istess Kodici Civili u skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 542 u 238 tal-Kodici tal-Kummerc, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar il-25 ta' Ottubru, 2022, rat li l-intimat Charles Bianco debitament notifikat ma dahhal l-ebda risposta u

rat id-digriet tal-Qorti datat 10 ta' Jannar, 2023 fejn laqghet it-talba u awtorizzat lill-kjamat fil-kawza jressaq eccezzjonijiet ulterjuri dwar preskrizzjoni. Fic-cirkostanzi ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza preliminari dwar preskrizzjoni;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-intimati u l-kjamat fil-kawza bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ssollevati mill-intimati Charles Bianco et u mill-kjamat in kawza Dr Renald Micallef fejn eccepew illi t-talbiet tar-rikorrenti Gaetano Abdilla et huma preskritti ai termini tal-Artikoli 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 542 u 238 tal-Kodici Kummercjali Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalkemm din id-decizjoni hija fuq l-preskrizzjoni ghalkemm il-Qorti tinnota kemm dawn l-eccezzjonijiet jikkontradixxu l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati li jsostnu li huma qatt ma kellhom x'jaqsmu u qatt m'ghamlu negozju mar-rikorrenti u li lanqas biss jafuhom (eccezzjoni bin-numru 6). Fi kwalunkwe kaz f'dan l-istadju, l-Qorti mhux ha tidhol fl-ezami ta' l-eccezzjonijiet fil-mertu, pero' sejra titratta l-eccezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni, ikkunsidrat li jekk jirrizulta li t-talba rikorrenti hija

preskritta, l-kawza tieqaf hemm u l-Qorti ma jkollhiex ghaliex tinoltra oltre fl-ezami tat-talbiet rikorrenti u tal-eccezzjonijiet.

**<u>Preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>**

Illi r-rikorrenti permezz tal-kawza odjerna jippremettu li l-intimati huma solidament debituri fil-konfront taghhom fis-somma kumplessiva ta' mija u sittax-il elf, tmien mija wiehed u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€116,871.62) rapprezentanti kwantu ghal tmienja u sittin elf, sitt mija disgha u disghin Ewro u sittin centezmu (€68,699.60) rifuzjoni ta' self somministrat lilhom u l-bilanc ta' tmienja u erbghin elf, mija tnejn u sebghin Ewro u zewg centezmi (€48,172.02) imghaxijiet kummercjali sat-30 ta' Gunju, 2015, oltre imghaxijiet ulterjuri li jista' jkun hemm sad-data tal-pagament shih.

Illi l-intimati Charles Bianco et u l-kjamat fil-kawza Dr Renald Micallef eccepew li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 2156(d), (e) u (f) tal-Kodici Civili jiddisponi kif isegwi:

> '**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
>
> (d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;

(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;

(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;'.

Illi kif inghad, il-kaz odjern jitratta allegat self moghti mir-rikorrenti favur l-intimati, jew min minnhom, fl-ammont ta' tletin elf liri Maltin (Lm 30,000) flimkien mal-imghaxijiet, liema self ma jirrizultax minn att pubbliku u lanqas minn skrittura privata. Jirrizulta ghalhekk li fic-cirkostanzi huma applikabbli s-sub-artikoli (d) u (e). Gjaladarba l-preskrizzjoni applikabbli hija dik taht is-sub-artikoli (d) u (e), is-sub-artikolu (f) huwa eskluz billi jikkomprendi fih kull kreditu iehor li ma jaqax taht xi sub-artikolu iehor. Infatti dan is-sub-artikolu jiddisponi li huwa applikabbli '…***ghall-hlas ta' kull kreditu iehor*** …'.

Stabbilit dan, il-pass li jmiss huwa li jigi determinat jekk skorriex il-perijodu ta' hames (5) snin minghajr interruzzjoni sabiex tigi milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi l-preskrizzjoni tigi miksura fost affarijiet ohra, jew (i) b'att gudizzjarju, jew (ii) bi hlas akkont tad-dejn maghmula mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih, jew inkella.

Illi l-artikoli li jitrattaw proprju dawn ic-cirkostanzi huma l-Artikoli 2128 u 2134 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:

> '**2128.** Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.
>
> **2134.** Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.'.

Illi dwar ic-cirkostanza trattata fl-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili cioe' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni bil-hlas akkont tad-dejn maghmula mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih jigi rilevat li ghalkemm l-intimati jichdu kwalunkwe relazzjoni mar-rikorrenti, mill-atti jirrizulta li effettivament sar xi hlas akkont minn Dr. Renald Micallef. Dr. Renald Micallef jidher li kien il-persuna intermedjarja bejn ir-rikorrenti u l-intimati u li dak iz-zmien kien 'accountant' u kien jippresta servizz lill-partijiet b'mod separat. Jirrizulta milli atti li l-hlas drabi sar bic-cekk mahrug mill-kont bankarju tal-klijenti tal-imsemmi Dr Renald Micallef u drabi ohra sar b'cekkijiet ta' terzi mahruga fuq isem Charles Bianco u Western Company Limited girati favur ir-rikorrenti Gaetano Abdilla. Infatti dawn ic-cekkijiet gew imsarrfa mir-rikorrenti Gaetano Abdilla billi mill-kopja taghhom tirrizulta l-firma tieghu fuq in-naha ta' wara tac-cekk. Din il-prova tal-hlas akkont tad-dejn da parti tal-intimati tinsab fl-atti a fol. 73 et seq tal-process u a fol. 116 et seq tal-process. Minn ezami ta' dawn ic-cekkijiet jirrizulta li l-ahhar hlas akkont sar b'cekk datat 29 ta' Dicembru, 2006 mahrug minn Joseph u Mary konjugi Gauci favur C. Bianco u li gie msarraf minn Gaetano Abdilla fil-5 ta' Jannar, 2007 (fol. 86). Dan ifisser li zgur sal-imsemmija data tal-5 ta' Jannar, 2007 il-perijodu preskrittiv kien wiehed miksur.

Illi kif inghad il-hlas waqaf ma' l-ahhar cekk datat 29 ta' Dicembru 2006 imsarraf fil-5 ta' Jannar 2007. Il-perijodu preskrittiv minn wara l-ahhar hlas kien fil-5 ta' Jannar, 2012. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti nterpellaw lill-intimati b'ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru, 2011 prezentata fil-konfront taz-zewg intimati li giet notifikata lil Charles Bianco fil-31 ta' Jannar, 2012 u lil Western Company Limited fis-17 ta' Dicembru, 2011 (ara ittra ufficjali u notifiki a fol. 73 et seq tal-process).

Illi kif jiddisponi s-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 2130 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-preskrizzjoni tinkiser jekk in-notifika tal-att gudizzjarju ssir fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni. Dan is-sub-artikolu jaqra:

> '**2130.** (1) Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni.'

Illi fil-kaz odjern l-ahhar jum taz-zmien li kien hemm ghall-preskrizzjoni kien dak tal-5 ta' Jannar, 2012. Minn harsa lejn in-notifiki jirrizulta li z-zewg intimati kemm Charles Bianco, kif ukoll Western Company Limited, gew notifikati fiz-zmien xahar mill-5 ta' Jannar 2012 b'dan li l-perijodu preskrittiv ta' hames (5) snin rega' gie interrott.

Illi wara l-ittra ufficjali, fil-31 ta' Lulju, 2015 giet intavolata l-kawza odjerna li giet notifikata liz-zewg intimati Charles Bianco et fis-7 ta' Settembru, 2015 (ara notifiki a fol. 13 tal-process). Jidher illi l-kawza giet intavolata ferm qabel l-gheluq tal-hames (5) snin u ghalhekk huwa car fid-dawl ta' dak kollu suespost, illi t-talba tar-

rikorrenti m'hijiex wahda perenta ai termini tal-Artikolu 2156 (d) u (e) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimati.

**Preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 238 u 542 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Illi l-Artikolu 238 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta jitratta z-zmien li fih ghandu jigi ezercitat il-jedd ta' regress kontra l-giranti u t-traenti li joqghodu f'Malta. Dan l-artikolu jaqra kif isegwi:

> '**238.** Il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti u t-traenti li jkunu joqogħdu f'Malta, għal kambjali, ipprotestati għal nuqqas ta' ħlas, miġbuda f'Malta u li għandhom jitħallsu band'oħra, għandu jiġi eżerċitat fiż-żmien –
>
> (a) ta' tnax-il xahar, jekk il-kambjala kellha titħallas f'lok fl-Ewropa, fl-Asja Minuri, fis-Sirja, fl-Eġittu, fi Tripli, f'Tuneż, fl-Alġerija jew fil-Marokk;
>
> (b) ta' tmintax-il xahar, jekk il-kambjala kellha titħallas f'kull pajjiż ieħor:
>
> Iżda dawn iż-żminijiet jiġu irduppjati fi żmien ta' gwerra fuq il-baħar.'.

Illi mbaghad l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta jitratta l-azzjonijiet preskritti biz-zmien ta' hames (5) snin. Jiddisponi:

> '**542.** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlqu, u l-azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom.'.

Illi kif ben tajjeb irriteniet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-decizjoni kwotata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma -vs- Oil and Construction International Limited** deciza nhar it-28 ta' April, 2004 illi:

> 'Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet sewwa inghad ukoll bhala principju ta' dritt mill-Korporazzjoni appellanti illi l-ezami tal-preskrizzjoni kellha tigi nkwadrata fil-qafas ta' l-azzjoni ntentata minnha. Fuq dan il-punt il-Korporazzjoni appellanti ghandha l-konfort ta' dak sostenut mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-8 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Alexander Gray Bannerman et –vs- John Camilleri et**".
>
> "Hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti li huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika".'.

Fuq l-istess binarju hija d-decizjoni kwotata wkoll mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fl-ismijiet **Lorry sive Lawrence Cuschieri -vs- L-Onor. Ministru tal-Ambjent et** deciza

mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar, 2005 fejn inghad illi:

> 'Kif gie ritenut fis-sentenza **Frank German v. Domenico Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950 "(*L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu` o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju* (Kollezz Vol. XXXIVB-III-746, ara wkoll fl-istess sens, **Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar** deciza fit-22 ta' Ottubru 1953; **George Muscat v. Carmelo Zammit** deciza fis-26 ta' April 1961 Vol. XLV-II-652; **Gaetano Farrugia v. Philip Magri** deciza fil-11 ta' Frar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri)). Minn dan isegwi li ghall-finijiet ta' l- eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-korporazzjoni konvenuta huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura ta' l-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mill-attur.'.

Illi minn harsa lejn it-talbiet jirrizulta li l-kawza ttentata mir-rikorrenti titratta talba ghall-hlas ta' self moghti minnhom favur l-intimati jew min mill-intimati brevi manu. Mill-fatti esposti mill-partijiet jirrizulta li huwa minnu li fil-kwistjoni kien hemm l-involviment ta' kambjali madanakollu fil-fehma tal-Qorti, r-relazzjoni ma nholqotx fuq il-kambjali pero' fuq l-ammont ta' tletin elf lira tal-munita l-antika (Lm 30,000) li gew avvanzati mir-rikorrenti bhala self favur l-intimati. Fil-fatt kienu biss l-intimati li f'uhud mid-drabi hallsu pagamenti lura permezz ta' kambjali raggirati. Ghalkemm l-intimati kienu jressqu kambjali u li fuqhom kienu jiehdu l-flus f'kontanti lit-terz llum kjamat fil-kawza Dr. Renald Micallef, ir-relazzjoni bejn l-atturiu l-intimati xorta baqghet wahda ta' self. Infatti Dr Renald Micallef li kien proprju l-intermedjarju li laqqa lir-rikorrenti mal-intimati ghal dan it-tip ta' self ikkonferma li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda fejn ir-rikorrenti Gaetano Abdilla avvanza l-ammont ta' tletin elf lira tal-

munita l-antika (Lm 30,000) liema ammont gie depositat f'kont bankarju u fejn huwa kien jamministra l-istess billi meta l-intimat Bianco kien jghaddilu kambjala huwa kien jelimina minnhom l-interessi u l-'administrative fee' u huwa kien jghaddi l-ammont tal-kambjala neqsin l-interessi u l-'administrative fee' lill-intimati.

Gjaladarba kif suespost irrizulta li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet dik ta' self, l-preskrizzjonijiet indikati mill-intimati ai termini tal-Artikoli 238 u 542 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta m'humiex applikabbli. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn iz-zewg eccezzjonijiet relatati mal-preskrizzjoni.

**<u>Preskrizzjoni fil-konfront tal-kjamat fil-kawza:</u>**

Illi da parti taghhom ir-rikorrenti qatt ma ressqu xi pretensjonijiet fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Dr. Renald Micallef tant li meta giet mitluba l-kjamata fil-kawza tieghu da parti tal-intimati huma sostnew hekk u rrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Illi din il-Qorti rat li l-involviment tal-kjamat fil-kawza fit-transazzjonijiet bejn il-partijiet kien li huwa rcieva c-cekkijiet minghand ir-rikorrenti ammontanti komplessivament fis-somma ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000), fetah 'client's account' sabiex iddeposita dawn il-flus u kien jghaddi l-flus lill-intimati meta dawn jghaddu kambjali sabiex jaghmlu tajjeb ghall-istess flus. Minn naha l-ohra l-kjamat fil-kawza kien ukoll involut sabiex intbaghtu l-hlasijiet lill-atturi akkont tal-ammont misluf lill-intimati. In vista ta' dan jista' jigi argumentat li sal-ahhar pagament li sar lill-atturi u li gie msarraf nhar il-5 ta' Jannar, 2007 b'xi mod kien hemm ukoll interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni da parti tal-kjamat fil-kawza. Fil-fehma ta' din il-Qorti fir-rigward tal-kjamat fil-kawza tapplika l-preskrizzjonijiet fit-termini tal-aritkolu 2156 (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet

ta' Malta in vista tal-posizzjoni anomala tal-kjamat fil-kawza f'din it-transazzjoni u is-sub-artikoli l-ohra u certament mhux dawk relatati mal-kambjali jew il-Kodici tal-Kummerc kif gie kkunsidrat aktar-il fuq. Japplika ghalhekk it-terminu ta' hames snin preskrizzjoni. Jekk il-Qorti kellha tiehu d-data tal-5 ta' Jannar, 2007 bhala l-ahhar data fejn rega' beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni favur il-kjamat fil-kawza dan ifisser li dan il-perjodu skada nhar il-5 ta' Jannar, 2022. Mill-atti, ghall-kuntrarju tal-intimati, ma jirrizultax li l-kjamat fil-kawza gie notifikat b'xi ittri ufficcjali ntizi sabiex jinterrompu l-perjodu preskrittiv fil-konfront tieghu la da parti tar-rikorrenti wisq anqas mill-intimati ghalhekk jirrizulta li effettivament kwalunkwe pretensjoni fil-konfront tal-kjamat fil-kawza hija llum milquta bil-preskrizzjoni.

In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-kjamat fil-kawza fit-termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tichad il-bqija, bir-rizultat li fil-konfront tal-kjamat fil-kawza t-talbiet tar-rikorrenti ser jigu minn issa michuda filwaqt li jibqghu vigenti fil-konfront tal-intimati.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet imqajjma mill-intimati Charles Bianco et fejn giet eccepita l-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikoli 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 238 u 542 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet

ta' Malta u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-intimati;

2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Dottor Renald Micallef u tiddikjara l-kawza preskritta fil-konfront tieghu fit-termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-kjamat fil-kawza fir-risposta ulterjuri tieghu dwar il-preskrizzjoni. Konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront biss tal-kjamat fil-kawza.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-intimati biss.

Bl-ispejjez tal-prezenti kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru, 2024**